FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA

QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' SETTEMBRU 2016

Il-Pulizija

(Spetturi Carlos Cordina u Nicholas Vella)

vs

Christopher Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 362782m akkuzat talli fis-6 ta' Frar 2015 ghal habta tad-9.00 ta' filghaxija u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa l-Iklin u fil-Gzejjer Maltin:

1. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi zamm, garr jew uza arma tan-nar, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (Art 55 tal-Kap 480);
2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, garr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienetx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200metru minn xi belt jew rahal, jew zonz abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali ai terminu ta' sezzjoni 18(2)(a) tal-A.L. 79/2006;
3. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idu jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;
4. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri pistola jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn l-persuna li tkun tat dak l-avviz;
5. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil David Vella biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;
6. talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju. Art.338(dd) Kap 9;
7. volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. Art.338(bb), 342, Kap 9;
8. minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil David Vella, b' xi arma sabiex ihebb ghalih. Art. 339(1)(b) Kap 9;
9. hebb ghal David Vella sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara b'xi mod. Art 339(1)(d) Kap 9;

10. ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Art. 339(1)(e) Kap 9;
11. ghamel reat iehor wara li kien gie ikkundannat ghal reat, b'sentenza datata 11 ta' Novembru 2013 mahruga mill-Magistrat Dr. C Stafrace Zammit LL.D. liema sentenza saret definittiva, b'hekk gab ruhu recidiv. Art 49, 50 Kap 9;

Il-Qorti mitluba li barra il-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Il-Qorti mitluba li tohrof ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'diversi reati. L-aktar wiehed serju jixlih "li fid-data tas-6 ta' Frar 2015 zamm, garr u/jew uza arma tan-nar, fil-waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuna", dan konness, flimkien ma' l-offizi l-ohrajn kollha, ma' incident uniku li sehh gewwa l-perimetri, pero' fuq barra, tal-fond numru 2, Triq Anton Manuel Caruana, Iklin.

Mix-xhieda mismugha jidher li l-imputat dak in-nhar tal-incident kien mifthem li jiltaqa ma' certu David Vella fl-indirizz imsemmi bl-iskop li jigi diskuss import ta' somma flus dovuta jew allegatament dovuta mill-imsemmi Vella lill-imputat dwar liema kienet involuta s-soscjeta' AC Fuels, rappresentata mill-Avukat Jonathan Abela, li minn naha taghha kienet irceviet xi chekk minghand l-imputat bhala pagament ta' konsenja 'fuel' li ma kienx gie onorat.

Trattati l-akkuzi seriatim:

- dwar l-ewwel akkuza – li zamm, garr u/jew uza arma tan-nar fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna – din tirrizulta ampjament. Hemm xhieda a sufficjenza li tistqarr li l-imputat fil-hin li wasal fejn l-ufficju tal-Avukat Abela, f'mument minnhom, wara li gew fl-idejn hu u l-imsemmi Vella, kellu fil-pussess tieghu pistola u biha spara zewg tiri fl-ajru. Mix-xhieda tal-Avukat Abela entrambi l-isparaturi ma

kienu ippuntati lejn hadd izda gew sparati fl-ajru. Fil-kuntest ta' l-isparaturi prorjament gew sparati tlett tiri izda l-provi jhallu aktar minn dubbju dwar minn spara it-tielet wiehed;

- dwar it-tieni akkuza – li kien sprovist mid-debita licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija relattivament l-arma, ossija pistola propjament - din tirrizulta wkoll pruvata;
- idem ghat-tieni, t-tielet u r-raba;
- fil-konfront tal-hames akkuza sabiex tissusisti hu mehtieg dak li l-gurisprudenza isemmi bhala 'a system of conduct' li fil-kaz specifiku palesement ma tirrisultax;
- imbaghad fil-konfront tas-sitt, s-seba, t-tmiem, d-disa u l-ghaxar akkuzi, tali huma ta' natura kontravenzjonali u f'kull kaz huma newtralizzati bl-Artikolu 17(d) tal-Kap 9;
- dwar l-akkuza numru 11 li titratta ksur ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta u konsegwenti recidiva hi ma tinsabx pruvata stante in-nuqqas ta' produzzjoni tas-sentenza relattiva. Fl-atti hemm biss sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta li tirrizulta moghtija wara l-kommissjoni tar-reati meritu din il-kawza u kwindi inapplikabbli ghal fini ta' dawn il-proceduri.

Ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 5(1), 41, 51, 55 tal-Kap 480, r-regolament 18(2)(a), 18(3)(a) tal-AL 79/2006 u l-Artikolu 17(d)(h) tal-Kap 9, tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija u €50 multa, wara li sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, r-raba, is-sitt, it-tmienja, id-disa u l-ghaxar akkuza. Tilliberah mill-bqija.

Rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tordna li l-perjodu ta' prigunerija ta' sentejn jibqaw sospizi ghal erba snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija. Ghal kull bon fini tikkonfiska kull arma tan-nar konnessa ma dawn il-proceduri.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat